**18 ta' Mejju, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Nutar Dr. Joseph Abela

*versus*

Onorevoli Prim Ministru u Onorevoli Ministru tal-Finanzi

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Taxxa – Ġbir ta' – Nutar Pubbliku – Taxxa fuq il-Qligħ Kapitali Xogħol Furzat – *Ultra Vires* – Frivolu – Vessatorju – Appell**

*Ir-rikorrent allega li l-imposizzjoni fuq in-nutar pubbliku li jiġbor għall-Gvern it-taxxa fuq il-qligħ kapitali meta jippubblika att kienet tammonta għal xogħol furzat u għalhekk kienet lesiva tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem u ultra vires l-Atti XXXI ta' l-1981.* Il-Prim'Awla *ddikjarat frivoli u vessatorji l-ewwel żewġ talbiet u ċaħdithom u astjeniet ruħha milli tieħu konjizzjoni mit-talba li dan l-aġir kien 'ultra vires' il-liġi għax din ma kinitx fil-ġurisdizzjoni tagħha. Il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat inattendibbli l-appell minn dik il-parti tas-sentenza li ddikjarat it-talbiet frivoli u vessatorja u ċaħdet l-appell għall-kumplament.*

*Ir-regola li fejn Qorti ta' prim'istanza tiddikjara talba frivola u vessatorja ma hemmx appell minnha għandha tiġi rrispettata ħlief f'dawk il-każijiet estremi fejn il-Qorti jidhrilha xort'oħra.*

Il-Qorti: –

Dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Ottubru, 1993, li tista' tiġi riprodotta hekk:

"Illi skond id-Diskors tal-*Budget* għall-1993 ta' l-24 ta' Novembru, 1992, *a folio* 49 ta' l-istess *Budget speech*, il-Gvern introduċa t-taxxa fuq il-qligħ kapitali;

Illi skond l-istess *Budget speech*, din it-taxxa ser tibda tinġabar permezz ta' taxxa provviżorja ta' 7% fuq il-prezz tal-bejgħ li jitħallas fuq il-kuntratt, speċi ta' "*pay as you earn*" fuq l-istess kuntratt;

Illi l-Ministru tal-Finanzi ħareġ "*guide line*" u spjega kif għandha tinġabar din it-taxxa ossija l-partijiet konċernati joħorġu '*bank draft*' pagabbli lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u dan irid jiġi miġbur minn Nutar Pubbliku;

Illi inoltre skond l-artikoli 50 u 51 ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti ossija l-Kapitolu 294 tal-Liġijiet ta' Malta l-"*boll*" fuq it-trasferiment ta' proprjetà immobbli li llum huwa 7% u 17% u dan skond kif ipprovdut mill-*budget speech* irid jinġabar min-Nutar li huwa responsabbli solidament għall-ħlas ta' l-istess mal-partijiet. Dan kollu jikkreja responsabbilità kbira u piż żejjed fuq ix-xogħol ta' l-esponent;

Illi l-esponent jilmenta illi m'hijiex il-funzjoni tan-Nutar li jagħmilha ta' Kollettur tat-Taxxi u li huwa xogħol li qed jiġi sforzat fuqu mingħajr l-ebda tip ta' remunerazzjoni;

Illi l-esponent għalhekk iħoss li dan kollu qed jilledilu d-drittijiet fundamentali tiegħu kif protetti mill-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropeja

tad-Drittijiet tal-Bniedem li jittrattaw fuq xogħol sfurzat;

Illi x'inhu xogħol sfurzat ġie interpretat mill-Qorti u Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, fis-sens li x-xogħol ma jfissirx biss *"Manual Labour"*, però kwalsiasi tip ta' xogħol li jiġi impost mingħajr ma tkun teżisti ċirkostanza speċjali taħt is-subartikolu 3 ta' l-artikolu 9 tal-Konvenzjoni, liema subartikolu jikkombaċja mas-subartikolu 2 ta' l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Talab li din il-Qorti:

(1) Tiddikjara li l-imposizzjoni perverta *(sic)* tal-*Budget speech* ta' l-24 ta' Novembru, 1991, u fil-*"guidelines"* sussegwenti fejn in-Nutar ikollu jiġbor it-taxxi fuq il-qligħ kapitali tilledilu d-drittijiet fundamentali tiegħu sanċiti taħt l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kostituzzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem;

(2) Tiddikjara li l-artikoli 50, 51, 52 tal-Kapitolu 294 tal-Liġijiet ta' Malta huma *"ultra vires"* għall-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

(3) Tagħti dawk il-provvedimenti opportuni biex dawn il-leżjonijiet jiġu sussedjati;

(4) Tiddikjara li d-dikjarazzjoni Ministerjali msemmija m'għandhiex validità u hija nulla *stante* li hija *"ultra vires"* ma' l-Att Nru. XXXI ta' l-1981;

Rat ir-risposta ta' l-intimati li biha ssottomettew illi r-rikors promotur hu infondat fid-dritt u fil-fatt u għandu jiġi rriġettat

bħala totalment frivolu u vessatorju bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

Illi bla preġudizzju għas-suespost din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tagħti xi "provvedimenti opportuni biex dawn il-leżjonijiet jiġu ssussedjati" kif mitlub fil-paragrafu 3 tar-rikors promotur. Infatti l-qrati tagħna ma għandhom ebda funzjoni didattika la prinċipali u lanqas "sussidjarja";

Illi l-esponenti m'humiex f'posizzjoni jgħidu xi tfisser il-frazi "imposizzjoni perverta tal-*budget speech*" li hemm fl-ewwel paragrafu tat-talbiet ta' l-attur iżda jistgħu kategorikament jiċħdu li huma b'xi mod qed jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent protetti bil-Kostituzzjoni u bl-Att XIV ta' l-1987 (ma hemm ebda drittijiet sanġeti *(sic)* taħt l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni u ma teżisti ebda Kostituzzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif isemmi r-rikorrent fl-ewwel paragrafu tat-talbiet tiegħu);

Illi b'riferenza għat-tieni talba tar-rikorrent, il-Kapitolu IV tal-Kostituzzjoni u l-Att XIV ta' l-1987 ma jikkonċernax xi *vires* biex isiru xi liġijiet, iżda jikkonċernaw leżjonijiet tad-drittijiet protetti minnhom. L-esponenti jerġgħu jtennu li huma bl-ebda mod ma lledew id-drittijiet tar-rikorrent;

Illi l-obbligu li Nutar bħala parti mill-funzjonijiet tiegħu bħala funzjonarju pubbliku jiġbor it-taxxa tal-boll jew imposti oħra fuq pagamenti jew trasferimenti li jsiru permezz ta' kuntratti fl-atti tagħhom kienet teżisti mhux biss meta r-rikorrent kien Ministru tal-Finanzi u ġie sostitwit l-artikolu 42 tal-Kap. 123 imma anke meta r-rikorrent l-ewwel darba volontarjament talab u ottjena l-*Warrant* biex jeżerċità l-professjoni ta' Nutar Pubbliku u meta wara li spiċċa minn Ministru reġa' volontarjament beda

jeżerċita l-professjoni ta' Nutar Pubbliku;

Illi l-imposizzjoni ta' xi obbligu fuq xi membru ta' professjoni fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu bħala parti minn dik il-professjoni ma jinkwadrax ruħu fid-definizjoni ta' xogħol furzat la taħt l-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni u lanqas taħt l-artikolu 4 tal-Konvenzjoni;

Illi ħarsa fuq fuq, fl-ewwel volum ta' "*Digest of Strasbourg Case Law to the European Convention on Human Rights*" paġni 237 sa 269 juru biċ-ċar kemm hu kompletament infondat u frivolu r-rikors tar-rikorrent. A fol. 245 insibu li "*Moreover, a regulation in law of the conditions for the exercise of a certain profession does not render that profession forced labour. It is also observed that the restrictions put on the applicant have been introduced for the social benefit of the population. In the democratic States of Europe it is frequent that private professions involving services for the public are subject to legal directives (Dec. Adm. Com. Ap. 7297/75, 12 October 1977);*

A fol. 246 "*...the notion of "forced or compulsory labour" in the sense of the provision does not apply to a contractual obligation which was assumed voluntarily" (Dec. Adm. Com. Ap. 8172/78, 7 December 1978;*

Fl-istess vena huma d-deċiżjonijiet a fol. 246 u 254 taħt l-intestatura 4.2.1.1 li l-esponenti qed jirriproduċu u jannettu ma' din ir-risposta bħala Dokument A;

Finalment id-direzzjoni a fol. 269 hi l-aktar waħda attenenti għal dan il-każ u jixirqilha li tiġi riprodotta fir-risposta:

*"The applicant companies have first complained that the legal obligations imposed on them in their quality of employers to calculate and withhold certain taxes, social security contributions etc. from the salaries and wages of their employees amount to compulsory labour;*

*It is true that article 4(2) of the Convention provides that no one shall be forced to perform forced or compulsory labour. Article 4(3) of the Convention contains certain limitations of this right and provides "inter alia" that any worker service which forms part of normal civil obligations does not constitute "forced or compulsory labour" (Article 4(3)(d) );*

*However, even assuming that the concept of forced labour is applicable at all in a case like the present one where the applicants are not natural persons, but corporate bodies, and where the duty to do certain work is not a pesonal obligation but can be carried out with the assistance of employees, the Commission considers that the deduction of taxes, social security contributions etc. from salaries and wages cannot in itself be considered as forced or compulsory labour. The Commission therefore find that the facts of the present case as they have been submitted by the applicant companies do not disclose any appearance of a violation of the Convention on the ground that the duties imposed on the applicant companies go beyond normal civil obligations within the meaning of article 4(3)(d) of the Convention";*

*(Dec. Adm. Com. Ap. 7427/76, 27 September 1976, D&R 7 p. 148 (149) 7808/77, 7 October 1977);*

Għaldaqstant l-esponenti jissottomettu li t-talbiet tar-

rikorrent għandhom jiġu respinti bħala frivoli u vessatorji bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;

Rat ir-rikors tar-rikorrent tat-22 ta' Jannar, **1993** li bih wara li ppremetta illi:

"In effetti r-rikorrenti jħoss li d-dikjarazzjoni Ministerjali u l-konsegwenzi kollha tagħha li qed tiġi kkontestata tmur kontra d-disposizzjonijiet preċiżi ta' l-Att Nru. XXXI ta' l-1981. Fil-fatt jirrileva illi l-istess dikjarazzjoni msemmija ma ġietx sanata b'liġi u għalhekk m'għandux ikollha forza. Jiġi rrilevat ukoll illi b'tradizzjoni l-iskop ewlieni tal-Parlament hu biex jgħaddi l-liġijiet li jirrigwardaw it-taxxi hu, u dan skond il-prinċipju sagrosant ta' *"no taxation without representation";*

Talab li l-Qorti tammetti żieda fit-talbiet fis-sens illi:

"Tiddikjara li d-dikjarazzjoni Ministerjali msemmija m'għandhiex validità u hija nulla *stante* li hija *"ultra vires"* ma' l-Att Nru. XXXI ta' l-1981";

Rat ir-risposta ulterjuri ta' l-intimati ta' l-1 ta' **Frar**, 1993, li biha ssottomettew illi:

(1) Id-dikjarazzjoni Ministerjali relattiva b'ebda mod ma tmur kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Att XXXI ta' l-1981. Il-metodu u mekkaniżmu tal-ġbir tal-boll baqa' l-istess; kull ma sejjer jinbidel hija sempliċement ir-rata. Dwar il-*"Capital Gains Tax"* ser ikun hemm liġi apposita, u l-esponenti ma jistgħux jifhmu x'interess ġuridiku jista' jkollu r-rikorrent ġaladarba mhux ser jiġi intaxxat personalment, għalkemm ser ikun strumentali fil-ġbir tal-boll u taxxa kif ipprovdut b'liġi;

(2) L-esponenti jirribadixxu l-validità tad-dikjarazzjoni ministerjali, anke fuq bażi legali, *ai termini* ta' l-artikolu 9 ta' l-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249), u dina tirrispekkja kompletament il-prinċipju kardinali *''taxation with representation''*;

(3) Jekk ir-rikorrent jikkontendi li d-Dikjarazzjoni Ministerjali m'għandhiex forza legali, allura jista' faċilment jinjoraha, imma ovvjament dan ikun ta' preġudizzju kbir għalih, kemm personalment kif ukoll bħala funzjonarju pubbliku;

*Omissis;*

Il-Qorti teżamina fl-ewwel lok l-ilment prinċipali tar-rikorrenti illi ''l-artikoli 50, 51 u 52 tal-Kapitolu 294 tal-Liġijiet ta' Malta huma *''ultra vires''* għall-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja'';

Dawn jipprovdu fil-każ tal-Kostituzzjoni illi:

''Ħadd ma għandu jiġi **meħtieġ** jagħmel xogħol **furzat**'';

Fil-każ tal-Konvenzjoni:

*''No one shall be required to perform* ***forced or compulsory labour****'';*

Mad-daqqa t'għajn jidher li l-Konvenzjoni donnha għandha estensjoni aktar wiesgħa mill-Kostituzzjoni in kwantu tipprovdi protezzjoni anke kontra *''compulsory labour''* li tiddistingwih minn *''forced labour''*. Kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni jipprovdu għall-każijiet speċifiċi ta' xogħol li ma

għandux jitqies bħal furzat u mġiegħel bħal per eżempju xogħol li jeħtieġ li jagħmlu l-ħabsin, is-servizz militari, jew f'korpi dixxiplinati jew f'każ ta' emerġenza pubblika u kalamità. Anke dawn l-eċċezzjonijiet ma humiex identiċi fil-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni għalkemm huma simili. Dawn l-eċċezzjonijiet ma jinteressawx lill-każ in eżami in kwantu l-intimati ma humiex javanzaw il-ġustifikazzjoni illi "x-xogħol" li għalih qed joġġezzjona r-rikorrenti jinkwadra ruħu f'xi waħda minn dawn il-kwalità ta' attività mġiegħla li huma eżenti mill-provvedimenti tal-prinċipju li ħadd ma għandu jiġi mġiegħel jagħmel xogħol furzat;

Il-Qorti għalhekk trid tiddetermina biss jekk ix-xogħol li għalih qed joġġezzjona r-rikorrent u li hu kkontemplat fl-artikoli 50, 51 u 52 tal-Kap. 294 jistax jiġi kkwalifikat bħala "xogħol furzat" u jekk ir-rikorrent hux qed jiġi "mġiegħel" jagħmlu;

Għandu qabel xejn jiġi premess is-segwenti, għax hu rilevanti:

1. Ir-rikorrenti għażel li jħaddem il-professjoni ta' Nutar u eżerċita din il-professjoni għal snin twal b'onestà u integrità indiskussa. Kienet **għażla libera** li fil-liġi timporta ċerti konsegwenzi fosthom l-aċċettazzjoni illi l-eżerċizzju tal-professjoni tiegħu jkun iggwidat u konformi mal-Liġijiet li jsiru minn żmien għal żmien biex jirregolawha;

2. Ċertament illum ir-rikorrent jeħtieġlu jaċċetta bħala validi l-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Professjoni Notarili u Arkivji Notarili (Kap. 55) li **jirregolaw** l-eżerċizzju tal-professjoni. Hu infatti ma huwiex jikkontesta l-Kostituzzjonalità tiegħu. Dan l-att jipprovdi li "n-Nutara huma uffiċjali pubbliċi"

(art. 2) u li "n-Nutar **hu obbligat jagħti s-servizzi tiegħu kull meta jkun hekk mitlub**" (art. 11). Jista' biss jiċħad li jagħti s-servizzi tiegħu jekk il-partijiet jonqsu milli jiddepożitaw għandu l-**ammont tat-taxxi**, drittijiet u spejjeż dovuti fuq l-att, jew is-servizzi tiegħu jkunu meħtieġa fi btala pubblika kif ipprovdut fis-subinċiż (2) ta' l-istess artikolu. Meta għażel li jipprattika l-professjoni ta' Nutar, ir-rikorrent ġie nfatti liberament qed **jintrabat** u **jobbliga ruħu** u jagħti s-servizzi tiegħu bilfors kull meta jiġi mitlub biex jipprestahom. Dan però ma jista' bl-ebda mod jitqies bħala xogħol "furzat" jew "*compulsory*" – proprju minħabba l-element ta' **volontarjetà** – inerenti ma' u konsegwenti għal din id-deċiżjoni tar-rikorrent li jagħżel li jeżerċita dina l-professjoni;

3. Jiġi nnotat illi proprju minn dan l-Att li jirregola l-eżerċizzju tal-professjoni notarili hu nnotat b'mod ċar illi Nutar f'ċerti atti għandu l-funzjoni ta' depożitarju ta' **Taxxi** dovuti mill-erarju pubbliku. Jiġi nnotat ukoll li l-att jitkellem dwar **taxxa** b'mod ġeneriku u naturalment dejjem sakemm dawn it-taxxi jkunu dovuti fuq u inerenti ma' l-att li jkun qed jiġi min-Nutar ippubblikat. Hu s-subinċiż (g) ta' l-istess att li jittratta dwar il-forma ta' l-atti illi jagħmlu riferenza għall-artikolu 4 ta' l-Att dwar it-Taxxa tal-Boll (Kap. 294) u li jippermetti t-twaħħil ta' l-irċevuti tat-taxxi mħallsa **minn Nutar** wara l-pubblikazzjoni ta' l-Att. Dan qed jiġi rrilevat biex jiġi sottolineat li – apparti dak li hemm preskritt fl-artikoli tal-Kap. 294 b'dan ir-rikors impunjati – il-liġi dwar il-Professjoni Notarili **tirrikonoxxi** bħala parti mid-dover tan-Nutar ukoll il-ġbir ta' taxxi u tirregola kif dan għandu jagħmlu;

Ir-rikorrent qed jitlob dikjarazzjoni illi l-artikoli 50, 51 u 52 tal-Kap. 294 huma *"ultra vires"* għall-artikolu 35 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja fuq iċċitati. Dawn l-artikoli jipprovdu l-makkinarju **għall-ġbir** tat-Taxxa fuq it-trasferimenti ta' proprjetà b'att pubbliku, jirrendu lin-Nutar li jippubblika l-att pubbliku, "responsabbli *in solidum* għall-ħlas tat-taxxa dovuta flimkien mal-kontraenti" (art. 50); tassoġġetta lin-Nutar għall-penali f'każ li jonqos li jassigura l-ħlas tat-taxxa tal-boll u tobbligah jagħti avviż ta' atti soġġetti għat-Taxxa wkoll taħt penali f'każ li jonqos;

Ir-rikorrent jissottometti illi dawn l-artikolu jilledu d-drittijiet fundamentali tiegħu in kwantu jassoġġettawh għal xogħol furzat "peress li x-xogħol rikjest ma għandu ebda rimunerazzjoni, m'huwiex ix-xogħol ordinarju li għandu jagħmel Nutar Pubbliku, mhux ġust għaliex in-Nutar hu responsabbli *in solidum* u għalhekk huwa ta' natura punittiva.....Huwa wkoll *an "avoidable hardship" stante* li l-*"Capital Gains Tax"* tiġi kkomputata mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni bħalma jsir fil-każ tat-Taxxa fuq l-*Income"*;

Il-Qorti ma taqbilx ma' dawn is-sottomissjonijiet;

Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

1. Diġà ġie fuq irrilevat illi filwaqt li l-Istat għandu kull dritt li jesiġi taxxa tal-boll fuq it-trasferimenti ta' proprjetà u filwaqt li hu paċifiku li tali trasferimenti għandhom dejjem bil-liġi jiġu ppubblikati min-Nutar – uffiċjali pubbliku – kien dejjem rikonoxxut li kien **parti inerenti** mid-dover ta' Nutar li jassigura li l-ammonti dovuti f'taxxa lill-erarju pubbliku

jitħallsu. Hekk kien għal deċenni u l-ebda Nutar sal-lum ma kkontesta li dan id-dover hu parti integrali mix-xogħol li hu tenut jagħmel fil-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Meta wieħed jitlob u jingħata l-"*warrant*" biex jipprattika ta' Nutar hu jkun konxju ta' dan id-dover tiegħu u jkun issottoskriva għalih u ntrabat li jesegwih. Hekk indubjament għamel ir-rikorrent;

2. Mhux minnu għalhekk li l-ġbir tat-taxxi dovuti fuq il-kuntratti ma hux "parti mix-xogħol ordinarju tiegħu". Għall-kuntrarju hekk hu u minn dejjem hekk kien dover tiegħu li **jassigura** l-ħlas tat-taxxa tal-boll fuq il-kuntratti. Hu f'dan l-ispirtu li għandha tiġi interpretata s-solidarjetà fil-ħlas tat-taxxa flimkien mal-kontraenti u mhux għax il-liġi trid li tippenalizza lin-Nutar jekk jagħmel dmiru;

3. Wieħed jista' jargumenta illi l-Istat seta' sab mezzi aħjar u aktar idoneji għall-ġbir tat-taxxi dovuti lilu mis-servizzi tan-Nutara. Dan però waħdu ma jirrendix l-obbligu impost fuq in-Nutar – li fl-aħħar mill-aħħar hu l-uffiċjal pubbliku bil-liġi direttament involut fit-trasferiment u fil-pubblikazzjoni ta' l-att u konsegwentement l-aktar wieħed qrib lejn in-negozju u fl-aħjar posizzjoni biex jikkontrolla u jiċċertifika l-veriċidità tan-negozju li jkun qed isir tant oneruż li jista' jiġi kkwalifikat bħala "xogħol furzat" jew "*compulsory work*" fit-termini tal-liġi;

4. Jiġi rritenut illi l-interpretazzjoni mogħtija lil "xogħol furzat" fil-ġurisprudenza nostrana fil-passat xejn ma kienet liberali. L-art. 36 tal-Kostituzzjoni ġie interpretat f'żewġ sentenzi kontroversjali "George Mula *vs* Ministru tal-Kummerċ" (Ċeduta quddiem il-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Novembru, 1977) u "Tabib Walter Cuschieri *vs* Onor. Prim Ministru (Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru, 1977).

F'dawn iż-żewġ sentenzi li dwarhom din il-Qorti kif ippresjeduta għandha l-akbar riservi – il-Qorti ġġustifikat il-miżuri amministrattivi li kienu gravament jaffettwaw ix-xogħol ta' kategorija ta' ħaddiema bħal furnara u t-tobba għax waslet għall-konklużjoni diskutibbli illi l-miżuri kienu ġustifikati fi żmien ta' emerġenza fil-pajjiż. Dawn iċ-ċirkostanzi bl-ebda mod ma huma avvanzati fil-każ in eżami. Din il-Qorti laqnas issostni, kif għamlet il-Qorti Kostituzzjonali fil-każ tat-Tobba illi l-fatti tal-każ ma kinux jagħtu lok għal **imposizzjoni ta' xogħol furzat** fuq it-Tobba imma għall-imposizzjoni li ma **jaħdmux** fuq dawk it-Tobba **li ma jridux joqogħdu għal dak li kienet tipprovdi l-liġi**. Jiġifieri l-Qorti ma taqbilx illi jekk ir-rikorrent jagħżel illi ma joqgħodx għal dak li l-liġi **tisfurzah li jagħmel** allura ħtija tiegħu u affarih għax ikun qed jimponi fuqu nnifsu sitwazzjoni fejn **ma jaħdimx** għax ma jridx;

5. Il-Qorti għall-kuntrarju tistrieħ fuq dak li ġie deċiż mill-Kummissjoni Ewropeja f'każijiet analogi:

*''In those circumstances it could not be said that such a service had to be rendered against the will of the person in question. Hence the Commission seems to follow the reasoning which already appears to have been hinted at by four of its members in the ''Inversan Case'' namely that when certain obbligations are attached to a profession, the person* ***choosing*** *that profession accepts those obbligations implicity. A similar decision was taken in the case of a notary public who complained about the system according to which in specific cases he was allowed to charge only reduced fees for his services... The Commission found that the impugned system could not be qualified as ''unjust'' or ''oppressive'' since it* ***relates to a normal***

***part of the tasks of a notary public and ensues from his almost exclusive competence as regards the services concerned**. (X vs Federal Republic of Germany D&R 18 (1980). (Van Dijk and Van Hoof – Theory and Practice of the European Convention on Human Rights)";*

Il-Qorti hi sodisfatta *in vista* anke tal-fatt illi minn dejjem ġie kkunsidrat li kien parti mid-doveri tan-Nutar li jiġbor it-taxxa fuq id-dokumenti illi "*The concrete context of the obbligation in question* – anke kif issa aggravata biż-żieda fir-rata u bl-introduzzjoni tal-"*Capital Gains Tax*" – *is not so oppressive for the person concered that he can no longer be claimed to have in fact consented to it by choosing his profession";*

6. Il-Qorti eżaminat il-"*guide lines*" maħruġa wara l-*Budget* li jipprevedu li "n-Nutar ikollu jiġbor it-Taxxa fuq il-qligħ kapitali u eżaminat ukoll il-proċedura stabbilita għall-ġbir kemm ta' din it-taxxa kif ukoll tat-taxxa tal-Boll kif miżjud. Jidhrilha li l-proċedura hi infatti intiża biex tħaffef ir-responsabbilità tan-Nutar, u mhux taggravaha, telimina perikolu rejali ta' ġarr ta' somom inġenti ta' flus bla bżonn u telimina wkoll ir-riskju li n-Nutar jiġi skopert mill-pagament u *ergo* responsabbli *in solidum* għall-ħlas ta' dak li hu dovut mill-erarju pubbliku. Dan għaliex dawn il-*guidelines* **jesiġu** l-(1) il-pagament tal-"*Provisional Tax in respect of Tax on Capital Gains*" ***is to be made*** *by means of a bank draft payable to the Commissioner of Inland Revenue*". Dan il-"*bank draft*" irid isir mill-"*Vendor or Transferor*", "*and **handed in** to the Notary at the time of transfer of the immovable property*". Prattikament l-istess proċedura hi stabbilita għall-ġbir tat-Taxxa fuq id-Dokumenti. B'din is-sistema ssir kważi għal kopllox irrilevanti ż-żieda sostanzjali ta' l-ammonti li n-Nutar irid jiġbor in kwantu hu

prattikament impossibbli għalih li ma jitħallasx ta' l-ammonti li jkunu dovuti mill-kontraenti, u allura s-solidarjetà għall-ħlas bħala riskju finanzjarju hi attenwata u ridotta prattikament fix-xejn;

7. Hu minnu li l-komplessità tal-komputazzjoni tat-taxxa żdiedet b'mod li tista' tagħti lok għal diffikultajiet anke għaliex hi rikjesta informazzjoni li tista' ma tkunx immedjatament disponibbli. Però ħafna minn dana l-inkonvenjent eventwali jbatih il-klijent kif ibati wkoll il-klijent jekk jirriżulta illi minħabba dawn il-ħtiġijiet burokratiċi l-kuntratt jibqa' ma jistax isir. Ċertament però r-rikorrent bħala Nutar ma jistax bl-ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni jikkwalifika bħala "xogħol furzat" u leżjoni tad-Drittijiet Fundamentali tiegħu b'żieda marġinali fix-xogħol preparatorju għall-kuntratti biex jiġi assigurat il-ħlas tat-taxxi dovuti fl-interess pubbliku u għall-ġid soċjali komuni. Prinċipji li huma validi u għandhom jibqgħu validi tkun liema tkun l-amministrazzjoni li twettaqhom;

Il-Qorti qiegħda għalhekk tiċħad l-ilment prinċipali tar-rikorrenti u *di più* tikkunsidrah li jimmerita li jiġi kkwalifikat bħala wieħed frivolu u vessatorju *in vista* tal-fatt li kif jdiher mill-konsiderazzjonijiet tal-Qorti ċ-ċirkostanzi li taw lok għal dan ir-rikors ma kinux ta' portata tali li kienu jimmeritaw li tiġi adita din il-Qorti fil-kompetenza Kostituzzjonali tagħna. Dan a tenur tas-subinċiż 3 ta' l-artikolu 95 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Ir-rikorrent "*in extremis*" talab li l-Qorti tiddikjara li "d-dikjarazzjoni Ministerjali (wieħed jifhem tal-*Budget Speech* u l-*guidelines* sussegwenti" m'għandhiex validità u hija nulla *stante* li hija "*ultra vires*" ma' l-Att XXXI ta' l-1981;

Ir-rikorrenti jiġġustifika din it-talba bis-sottomissjoni illi "dawn il-qrati aċċettaw il-prinċipju li jekk fost l-aggravji prinċipali f'rikors Kostituzzjonali jkun hemm aggravju anċillari però marbut mar-rikors promotur ma hemmx għalfejn li jiġi ssollevat f'istanza oħra iżda jista' jiġi faċilment issollevat fl-istess rikors";

Il-Qorti ma taqbilx li din is-sottomissjoni hi valida fil-każ in eżami. Hu veru li l-Qorti Kostituzzjonali – fil-konsiderazzjoni ta' l-allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem – bħala parti minn din l-indaġini tista' tieħu wkoll konsiderazzjoni ta' materji oħra anċillari imma dana biss purchè dan ikun rilevanti għad-determinazzjoni tal-kweżit kostituzzjonali quddiemha. Jekk dan ma jkunx il-każ allura l-parti interessata hi fid-dover li tieħu l-azzjoni approprjata quddiem il-Qorti kompetenti biex tavanza l-pretensjoni tagħha bil-proċeduri ordinarji. Dana "*multo magis*" meta l-ilment prinċipali kostituzzjonali qed jiġi ddikjarat, bħal ma hu l-każ in eżami, li hu wieħed frivolu u vessatorju. Dana apparti l-fatt – ukoll rilevanti – illi l-imposizzjoni tal-"*Capital Gains Tax*" kif ukoll iż-żieda fit-Taxxa fuq id-Dokumenti, huma miżuri fiskali li jolqtu u jinteressaw biss lil min hu verament bil-liġi tenut li jħallasha u ċjoè l-kontraenti. Huma tali persuni li semmai jista' jkollhom xi interess li javvanzaw il-lanjanza li l-ġbir tagħhom kien "*ultra vires*" fis-sens sottomess mir-rikorrent. Ċertament mhux in-Nutar li ma hu mitlub li jħallas xejn personalment;

Hu nnotat ukoll li din it-talba tar-rikorrent ma tipprospettax il-każ ta' impunjazzjoni ta' liġi bħala invalida in bażi għall-allegat ksur ta' drittijiet umani protetti mill-Kostituzzjoni. Hu allegat biss li dawn huma invalidi in kwantu li jmorru oltre l-awtorità

mogħtija lill-Ministru *in forza* ta' liġi statutorja oħra u ċjoè l-Att XXXI ta' l-1981;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mir-rikors billi waqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet issollevati fir-risposti ta' l-intimati, tiċħad l-ewwel u t-tieni talba tar-rikorrent u tiddikjarahom "frivoli u vessatorji" fit-termini tas-subinċiż 3 ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba in kwantu din ma tinvestix materja ta' natura Kostituzzjonali;

L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrent";

2. Ir-rikorrent ħassu aggravat minn din is-sentenza u ġab 'il quddiem l-aggravju illi x-xogħol li qiegħed jillamenta minnu r-rikorrent, huwa ħafna aktar gravi minn dak li jsemmu l-artikoli 50, 51 u 52 Kap. 294, mentri s-sentenza eżaminat il-portata ta' dawn l-artikolu biss. B'hekk, l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u tal-liġijiet. Għandha ssir riferenza għan-Nota ta' Sottomissjonijiet ippreżentata fl-ewwel grad;

9. L-intimati opponew illi l-appell huwa inattendibbli skond l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni għaliex it-talbiet ġew iddikjarati "frivoli u vessatorji";

Fil-metu, is-sentenza timmerita konferma;

4. L-intimati ssollevaw preliminarjament l-inappellabbilità tas-sentenza ta' l-ewwel grad, minħabba dak li jgħid l-artikolu 46 sub-artikolu 5 tal-Kostituzzjoni;

"Ma jkunx hemm appell minn xi deċiżjoni skond dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun sempliċement frivola jew vessatorja";

Regola identika daħlet fl-att XIV ta' l-1987 – fl-artikolu 4 sub-artikolu 5 – għal dawk il-proċeduri li jkunu bbażati fuq l-artikoli tal-konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li ġew imdaħħal f'dak l-Att;

5. Din l-eċċezzjoni preliminari tispjega dak li ġie verbalizzat fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 1993:

"Il-Qorti semgħet it-trattazzjoni ta' l-avukati u l-Qorti qed tikkonċedilhom li jagħmlu sottomissjonijiet bil-miktub **rigward il-punt jekk** kemm-il darba dak li hemm fis-sentenza appellata dwar ir-raba' talba fir-rikors, jagħtix lir-rikorrenti dritt ta' appell lil din il-Qorti";

Ir-rikorrent jissottomettu illi s-sentenza hija appellabbli għaliex ir-raba' talba tiegħu ma ġietx deċiża billi l-ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tagħha "in kwantu din ma tinvestix materja ta' natura kostituzzjonali";

Jissottometti wkoll illi s-subinċiż (3) ta' l-artikolu 46, li a bażi tiegħu l-ewwel Qorti waslet biex tiddikjara l-ewwel u t-tieni talba frivoli u vessatorji, ma japplikax għal każ, għaliex dan jitkellem fuq il-Qrati kollha barra mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u din il-Qorti;

7. Huwa minnu li fid-dispositiv tas-sentenza appellata jingħad illi l-ewwel żewġ talbiet ġew iddikjarati frivoli u vessatorji "fit-termini tas-subinċiż 3 ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni"

u li dan is-subinċiż kif issottometta r-rikorrent qiegħed jirregola deċiżjonijiet li jiddikajraw sempliċement frivolu u vessatorju **it-tqanqil** ta' punt ta' natura kostituzzjonali meta dan isir quddiem xi ''.....Qorti li ma tkunx il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew il-Qorti Kostituzzjonali'', u għalhekk **ir-riferenza** li hemm fis-sentenza appellata, m'hijiex korretta billi l-Qorti li ppronunzjatha kienet effettivament il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

8. B'dan kollu, però, m'hemm ebda dubju li l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, bħal kull Qorti oħra tista' fid-deċiżjoni tagħha, tikkwalifika talba jew talbiet li jiġu avvanzati quddiemha bħala frivoli u/jew vessatorji;

Fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Novembru, 1990, Alan Mifsud *et vs* L-*Attorney General et* (LXXIV.I.234) intqal:

''Iż-żewġ konċetti (jiġifieri frivola u vessatorja) kienu diġà akkwiżiti fl-ordinament tagħna qabel il-Kostituzzjoni ta' l-1964. Difatti l-art. 223(4) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili jipprovdi għall-każijiet ta' appelli fiergħa u vessatorji – l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jpoġġihom f'posizzjoni alternattiva'';

Għalhekk l-ineżattezza tar-riferiment għas-subinċiż żbaljat m'hijiex determinanti, ħlief naturalment għal dak li huma l-ispejjeż relattivi;

9. Is-subinċiż 5, ikkwotat fil-paragrafu 4 *supra,* jistabbilixxi li ma hemmx dritt ta' appell meta (a) xi **talba**, jew (b) it-**tqanqil** ta' xi kwistjoni, jiġu ddikjarati sempliċement frivoli u vessatorji. Dan ma jistax ma jfissirx illi deċiżjoni fuq xi **talba** tirriferixxi għal deċiżjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għaliex hija biss hija kompetenti biex tikkunsidra u tiddeċidi talbiet li

jsiru bis-saħħa ta' l-art. 46 tal-Kostituzzjoni, waqt li d-deċiżjoni l-oħra hija dik li **kull Qorti oħra** tista' tagħmel meta tiġi ssollevata quddiemha xi kwistjoni kostituzzjonali u hija tirrifjuta li tirriferixxi dik il-kwistjoni lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

10. Konsegwentement, ġaladarba l-ewwel Qorti eskludiet kemm l-ewwel u kemm it-tieni talba għaliex huma frivoli u vessatorji, ir-rikorrent m'għandux id-dritt li jappella minnhom quddiem din il-Qorti;

Din ir-regola tal-Kostituzzjoni tagħna għandha u trid tiġi rrispettata, ħlief f'dawk il-**każijiet estremi** fejn din il-Qorti, għalkemm ikun hemm deċiżjoni ta' frivolità u/jew vessatorjetà, billi issa għandha l-kompitu li tara li, fil-kamp tad-drittijiet naturali jew fundamentali, tiġi segwita l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani, fejn jidhrilha sewwa, xieraq u neċessarju, tagħmel mod ieħor;

11. Fuq ir-raba' talba tar-rikorrent, is-sentenza appellata tgħid:

"Tastjeni mill tieħu konjizzjoni tar-raba' talba in kwantu din ma tinvestix materja ta' natura kostituzzjonali";

u allura, fuq din it-talba, m'hemmx l-ostakolu tas-subinċiż 5 ta' l-art. 46 u r-rikorrent jista' u qiegħed jappella fuq din l-estensjoni;

12. Din ir-raba' talba ma kinitx oriġinarjament fir-rikors kif ippreżentat fil-15 ta' Diċembru, 1992, imma ġiet miżjuda b'awtorizzazzjoni tal-Qorti fl-4 ta' Ġunju, 1993, (meta r-riukors kien diġà ddifferit għas-sentenza) u ġiet redatta hekk:

"Tiddikjara li d-dikjarazzjoni ministerjali msemmija m'għandhiex validità u hija nulla *stante* li hija *"ultra vires"* ma' l-Att XXXI ta' l-1981";

13. L-ewwelnett trid issir kjarifikazzjoni preċiża rigward il-formula lingwistika użata mill-ewwel qorti:

"**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tar-raba' talba...";

"L-astensjoni" bħala vokabbolu fit-tifsira tiegħu ta' nuqqas li tagħmel xi ħaġa, meta hija riferita għal "nuqqas" ta' mħallef, tista' tagħti lok għal ekwivoku għal min m'huwiex edott mill-prattika sekolari ta' l-imħallfin maltin. Huwa biżżejjed magħruf illi mħallef għandu **d-dover** li jiddeċidi kull materja li titpoġġa quddiemu, sakemm dik il-materja tkun waħda li tidħol jew taqa' fil-ġurisdizzjoni u l-kompetenza tiegħu. Ma jistax għalhekk "jonqos li jiddeċidi", u f'dan is-sens "jastjeni" milli jiddeċidi u jonqos mid-dover prinċipali tiegħu ta' mħallef li **jastjeni** milli joqgħod f'kawża miġjuba quddiemu – fl-artikoli 733, 734, 735 u 738, Kap. 12. L-astensjoni ta' mħallef milli joqgħod f'xi kawża li tiġi lilu assenjata, hija konċessa eċċezzjonalment mil-liġi u limitatament għall-każijiet speċifiċi elenkati fl-art. 734 Kap. 12;

Il-kelma però, fil-prattika forensi tagħna, tintuża mhux f'dan is-sens preċiż u ġuridiku li l-liġi tiddetta, billi maż-żmien ħadet il-konnotazzjoni u tfisser illi: "il-Qorti se tonqos milli tiddeċidi l-materja għaliex.....u hawn issegwi r-raġuni;

fil-kawża preżenti, ir-raġuni ta' l-ewwel Qorti hija li r-raba' talba:

"...ma tinvestix materja kostituzzjonali" li proprjament ma

takkordax, skond il-loġika ġuridika, ma' "nuqqas ta' deċiżjoni" għaliex la l-Qorti sabet li r-raba' talba ma tinvestix materja kostituzzjonali, hija qiegħda tirriġettaha, għaliex ma tidħolx fil-mansjonijiet kostituzzjonali tagħha bħala "materja" u tfisser proprjament li dik it-talba hija rritwali ċjoè li ma tistax tkun "talba" f'rikors magħmul bis-saħħa ta' l-art. 46 tal-Kostituzzjoni;

14. Għalhekk fuq din ir-raba' talba, ir-rikorrent għandu d-dritt ta' l-appell;

15 (a) L-ewwel ħaġa li laqtet lil din il-Qorti hija, li fil-proċess ma ġietx esebita d-dikjarazzjoni ministerjali li fuqha jillamenta r-rikorrent. Ħadd ma jippretendi li l-Qorti għandha tmur tfittex it-traskrizzjonijiet tad-dibattiti parlamentari, u kien dover proċedurali tar-rikorrent li jesebixxi t-traskrizzjoni ta' l-istess dikjarazzjoni, li saret fil-kamra tad-Deputati. Dan id-difett waħdu kien ikun biżżejjed biex jeskludi l-konsiderazzjoni meħtieġa ta' din ir-raba' talba;

(b) It-tieni konsiderazzjoni hija li ma ġiex spjegat b'ebda mod **kif dikjarazzjoni ministerjali** rigward l-imposizzjoni tal-ġbir ta' taxxi fuq ir-rikorrent, setgħet, **bħala tali** u **attwalment** tilledi d-dritt garantit tar-rikorrent. Dikjarazzjoni bħal dik turi **intenzjoni** ta' x'sejjer isir, x'beħsiebu jagħmel il-Gvern biex jimplimenta dik il-politika li jkun qed jistqarr. *Se mai,* ir-rikorrent missu qal illi espona illi b'dik id-dikjarazzjoni d-dritt minnu vvantat **x'aktarx se jinkiser**, kif jikkontempla l-art. 46(1) tal-Kostituzzjoni, jiġifieri leżjoni potenzjali u mhux attwali. Iżda mhux biss fuq daqshekk ma ntqal xejn fir-rikors tat-22 ta' Jannar, 1993, meta r-rikorrent talab li tiżdied ir-raba' talba, iżda l-istess rikors jingħad:

"...l-istess dikjarazzjoni msemmija ma ġietx sanata *(sic)* b'liġi, u għalhekk m'għandhiex ikollha forza";

U tabilħaqq, din il-Qorti ma fehmitx kif sempliċi dikjarazzjoni ministerjali li ma ġietx imbagħad tradotta jew implimentata f'liġi appożita, jista' jkollha xi forza, speċjalment il-forza li tilledi dritt fundamentali bħal dak li jsemmi r-rikorrenti;

Finalment, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jgħid:

"Hawnhekk fil-fatt il-ministru mhux biss mar oltre dak li setgħet awtorizzatu xi liġi, iżda assuma għalih poteri mingħajr ebda dubju jew ebda forma ta' xi awtorizzazzjoni minn *"a parent act"*. Effettivament l-Att XXXI ta' l-1981 għadu ma ġiex amendat u kwindi għadu *in vigore*..... kwindi d-dikjarazzjoni ministerjali qed timponi ċerti obbligu fuq ir-rikorrent biex jisker liġi pożittiva tal-pajjiż";

Dan, għal din il-Qorti jfisser illi effettivament il-lament qiegħed fuq kliem li għalkemm intqal minn Ministru fil-Parlament baqa' u m'assumiex il-forza ta' liġi, jew almenu hekk jidher mill-atti proċesswali;

Fin-Nota responsiva ta' l-intimati tad-29 ta' Marzu, 1993, l-intimati jgħidu li:

"Il-prinċipju *"taxation with representation"* ġie preċiżament osservat għax il-miżuri relattivi mħabbra fi-*"Budget Speech"* ġew approvati u mgħoddija mill-Parlament bl-aktar fiduċja fil-Ministru promotur";

iżda b'daqshekk, il-Qorti ma tpoġġitx fil-posizzjoni li tkun taf x'inhuma dawn il-"miżuri relattivi" u l-paragrafu donnu m'huwiex ħaġ'oħra ħlief risposta għall-akkuża ta' *taxation without presentation,* billi, kif jgħidu l-intimati, ir-rappresentanza qiegħda fil-Parlament u l-approvazzjoni tiegħu tissodisfa l-prinċipji "kostituzzjonali" msemmija;

(ċ) Jibqa' t-tielet konsiderazzjoni. Ir-rikorrent qed jitlob lill-Qorti biex tiddikjara li **d-dikjarazzjoni ministerjali hija *"ultra vires"*.** Kienet din il-formulazzjoni tar-rikorrent li żvijjat lill-ewwel Qorti għaliex hawnhekk *m'hijiex qiegħda* ssir xi talba a bażi ta' dak li hemm ikkontemplat fl-artikoli minn 32 sa 45 tal-Kostituzzjoni u li għalihom hemm l-azzjoni speċjaliipprovveduta mill-art. 46 tal-Kostituzzjoni, u għalhekk u f'dan is-sens, is-sentenza appellata tgħid li din ir-raba' talba "ma tinvestix materja kostituzzjonali. Paradossalment, naturalment, għandu *jingħad illi l-kunċett ta' "ultra vires" huwa* eminentement kunċett prinċipali tad-dritt kostituzzjonali, però, kif intqal, l-espressjoni użata mill-ewwel Qorti għandha tittieħed fis-sens imsemmi qabel;

16. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell tar-rikorrent fejn dan kien ammissibbli – huwa miċħud, waqt li l-appell dirett kontra dik il-parti ta' l-ewwel sentenza li eskludiet l-appell minħabba l-frivolezza u/jew il-vessatorjetà tat-talbiet, huwa inattendibbli;

L-ispejjeż, minħabba dak li hawn fuq intqal jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.